MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 732/2011

**J & J Gauci Granite Limited**

**Vs**

**Edmond Camilleri ezercitanti l-kummerc taht l-isem Edcam Marble & Granite Works u Peter Agius ghal kull interess li jista' jkollu**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-1 ta' Awwissu 2011 l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u tletin elf sebgha mija u tnejn u sittin ewro u erbghin centezmu minghand il-konvenuti jew min minnhom, ghall-bejgh u konsenja ta' irham lil Edmond Camilleri. Fl-istess

rikors talbet dikjarazzjoni li konvenju li kien gie ffirmat bejn l-attrici u Peter Agius kien skada.

Min-naha tal-konvenut Camilleri wiegeb li hu ma kienx debitur tal-kumpannija attrici ghaliex kienet sehhet novazzjoni skond l-Artikolu 1179(b) tal-Kodici Civili[1].

Permezz ta’ nota prezentata fil-11 ta’ Novembru 2011, l-attrici rrinunzjat ghat-talbiet fil-konfront tal-konvenut Agius.

Il-qort semghet il-provi u rat l-atti, inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. J & J Gauci Granite Limited kienet tbiegh l-irham lil Edmond Camilleri.
2. Edmond Camilleri kien ghamel negozju ma’ Peter Agius. Agius ippropona li jhallas billi jitrasferixxi maisonette lil Camilleri, li min-naha tieghu ppropona li t-trasferiment isir lil J & J Gauci Granite Limited biex jaqta’ d-dejn li kellu mal-kumpannija attrici.
3. Fl-4 ta’ Lulju 2006 gie ffirmat konvenju[2] li bih Peter u Doris konjugi Agius obbligaw ruhhom li jittrasferixxu lil J & J Gauci Granite Limited maisonette numru erbgha (4), Triq il-Granmastri, Marsascala. Fil-konvenju jinghad li l-prezz kien ta’ Lm60,000 li minnhom Lm50,000 kellhom jithallsu f’irham, mentri Lm10,000 jithallsu in kwantu ghal Lm5,000 fi zmien 5 xhur mid-data tal-konvenju u Lm5,000 fi zmien 11 il-xahar mid-data tal-konvenju. Il-konvenju kien validu sal-31 ta’ Lulju 2007.
4. Il-konvenju kien jiggedded minn zmien ghal zmien. Hekk per ezempju jidher li gara fl-4 ta’ Lulju 2007 meta ggedded sal-31 ta’ Lulju 2008[3]. Skond affidavit li ghamel in-nutar Dr Jonathan Vella[4]: *“Nikkonferma li dan il-konvenju kien validu sa l-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju tas-sena 2007 u sussegwentement l-partijiet ffirmaw diversi*

[1] Fol. 33.
[2] Fol. 18.
[3] Fol. 16.
[4] Fol. 40.

*estensjonijiet u l-konvenju in kwistjoni gie mgedded sal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena 2010.".*

5. Jirrizulta li l-maisonette ma kienx proprjeta' tal-konjugi Agius. Is-sid kien Anthony Pace li kellu ftehim ma' Agius li kien jinkludi l-obbligu li jittrasferixxi l-imsemmi fond[5]. Bejn dawn it-tnejn min-nies inqala' dizgwid u Agius irrifjuta li jittrasferixxi l-maisonette.

L-Artikolu 1179(b) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Hemm novazzjoni –*

*………………*

*(b) meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur."*.

M'hemmx kontestazzjoni li J & J Gauci Granite Limited kellha tithallas billi takkwista l-maisonette.

Minn dak li fehemet il-qorti, wara li fl-4 ta' Lulju 2006 gie ffirmat il-konvenju, Camilleri baqa' jiehu l-materjal minghand il-kumpannija attrici. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha minn dak li jinghad fid-dokument JJG1 a fol. 8 minn fejn jidher li baqghu jsiru konsenji ta' merkanzija wara d-data tal-konvenju u mid-deposizzjoni ta' John Gauci u Edmond Camilleri. Ifisser li r-relazzjoni kuntrattwali bejn J & J Gauci Granite Limited u Edmond Camilleri kompliet wara li gie ffirmat il-konvenju. Il-ftehim bejniethom kien li l-hlas kellu jsir bit-trasferiment tal-maisonette f'isem il-kumpannija attrici. L-oneru tal-prova li sehhet novazzjoni hu fuq il-konvenut Camilleri. Element essenzjalli biex issehh in-nogazzjoni hu li d-debitur ***"jigi mehlus mill-kreditur"***. Fil-fehma tal-qorti ma tressqitx prova sodisfacenti li meta gie ffirmat il-konvenju bejn J & J Gauci Granite Limited u Anthony Pace, sehhet novazzjoni

[5] Dwar dan il-ftehim li kellu ma' Pace, Agius xehed: *"Dan ma kienx konvenju registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dan il-konvenju, jew ahjar l-iskrittura, ffirmajtha biex imbaghad naghtih ix-xoghol tieghi, fil-bini, pero' illum m'hemm l-ebda rabta bejniena. L-iskrittura li kelli ma' Pace waqghet, ghalhekk zgur il-proprjeta' li tissemma fir-rikors li bih bdew il-proceduri ma tistax illum tghaddi f'isem J & J Gauci Granite Ltd."* (seduta 11 ta' Novembru 2011).

*ex parte debitoris*. Tant dan hu minnu li n-negozju bejn l-attrici u Camilleri kompla wara l-4 ta' Lulju 2006[6].

Fil-fehma tal-qorti l-kliem fid-dokument JJG1-*"Settled balances on Maisonette Wied il-Ghajn 30-7-08 Settled in full."* u li ghalih ghamel riferenza Camilleri fl-ewwel eccezzjoni, inkiteb bhala ricevuta ghal J & J Gauci Granite Limited fis-sens li kienet hallset il-prezz kollu tal-maisonette. B'hekk f'dik id-data Camilleri ma kienx ghad fadallu jiehu iktar merkanzija minghand il-kumpannija attrici[7]. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi ta' Camilleri li dan id-dokument hu l-prova li sehhet in-novazzjoni.

Sahansitra kif osservat l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet, f'kaz ta' dubju n-novazzjoni hi eskluza.

Il-qorti tosserva wkoll li ma tistax toqghod fuq id-deposizzjoni ta' Anthony Pace, li ma kienx konsistenti f'dak li qal, meqjus li:-

i. **Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 xehed**:- *"Wara li waqa' l-konvenju, Camilleri ma hallastu xejn. Jiena l-arrangament li ghandi huwa ma' Edmond Camilleri. Lilu irrid inhallas. Lil Gauci kont ghidtlu li dak li huwa dovut lilu, naghmilulu b'xoghol, fl-ammont ta' Lm60,000."*. Bran li jaghti stampa ta' konfuzjoni.

ii. **Fis-seduta tad-19 ta' April 2012 xehed**:- *"Jien dispost u anke pproponejt lil Gauci biex naslu fi ftehim li bih intih proprjeta ohra, imma naf lil lil Edmond ghandi naghtih...... Jien lil Edmond ghandi naghti ghax il-materjal hu tahuli."*.

---

[6] John Gauci xehed: *"Fiz-zmien li ghamilna il-konvenju ma' Agius, Camilleri dejjem kellu jaghtini bejn Lm15,000 u Lm20,000. Jien u Camilleri ftehmna li jien niehu il-maisonette u imbaghad nibda naghtih ix-xoghol."* (seduta tal-4 ta' Gunju 2012). Hekk ukoll il-konvenut Edmond Camilleri xehed: *"Jien nikkonferma li wara li sar il-konvenju, kien ghad hemm xi bilanc ta' flus li kienu ghadhom dovuti lil Gauci, il-kumpannija attrici. F'dak l-istadju peress li kellna dak il-ftehim bejnietna jien bdejt niehu il-materjal minghand Gauci u ma nhallasx."* (fol. 52).

[7] Camilleri stess xehed: *"Fit-30/7/2008, jidher balance zero, li jfisser li minn dakinhar meta niehu xoghol u nordna xoghol minghand Gauci ikolli nibda nhallas."* (fol. 53).

Il-qorti hi tal-fehma li l-fatt li l-kumpannija attrici kellha takkwista l-fond minghand Pace ma wasslitx biex Camilleri johrog mix-xena. Jekk din kienet l-intenzjoni mela kien fl-interess ta' Camilleri li jizgura li fuq il-konvenju jidher bhala wiehed mill-firmatarji u jigi ddikjarat li:-

i. Kien qieghed jigi mehlus mill-obbligu li jhallas il-kontijiet li kienu ghadhom pendenti sa dakinhar fil-konfront ta' J & J Gauci Granite Limited.

ii. Kien qieghed jigi miftiehem li kien ser jiehu iktar merkanzija minghajr ebda obbligu ta' hlas lil J & J Gauci Granite Limited.

Hu minnu li l-hlas kien ser isir billi tigi trasferita l-proprjeta' lill-kumpannija attrici. Pero' l-obbligazzjoni tal-konjugi Agius kienet sempliciment weghda li jittrasferixxu l-fond lil J & J Gauci Granite Limited, liema fond irrizulta li ma kienx proprjeta taghhom. M'hemmx prova li jekk ghal xi raguni t-trasferiment ma jsirx allura Agius ikunu obbligati li jhallsu fi flus lil J & J Gauci Granite Limited u li Camilleri kien inheles mid-dejn. Kif skada l-konvenju spiccat kull relazzjoni bejn il-kumpannija attrici u Agius. Dan apparti l-fatt li tant ir-relazzjoni kienet bejn Camilleri u J & J Gauci Granite Limited, li ghalkemm fil-konvenju jinghad li Agius kienu ser jinghataw b'Lm50',000 valur ta' irham, m'hemm l-ebda prova ta' dan. L-irham kien u baqa' jittiehed minn Camilleri. Cirkostanza li tkompli ssahhah il-fehma tal-qorti li ma kienx hemm sostituzzjoni ta' debitur. Sabiex issehh is-sostituzzjoni tad-debitur il-prova trid tidher bic-car. Fir-realta' n-novazzjoni timplika rinunzja tad-dritt li l-kreditur kellu qabel in-novazzjoni. Rinunzja trid tkun cara, inekwivoka u li ma thalli l-ebda lok ghal xi dubju. F'dan il-kaz m'hemmx dawn il-fatturi. Ghalhekk il-qorti ma tistax tikkonkludi li bl-accettazzjoni li takkwista immobbli minghand terzi li tressqu minn Camilleri, biex l-attrici tithallas tal-merkanzija li Camilleri ha u kien ghad irid jiehu, b'daqshekk biss Camilleri kien qieghed jinheles minn debitur.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Camilleri u tilqa' t-talbiet tal-atturi fis-sens li:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenju tal-4 ta' Lulju 2006 kien skada u m'ghad ghandu l-ebda effett.**

**2. Tiddikjara lil Edmond Camilleri debitur ta' J & J Gauci Granite Limited fis-somma ta' mija u disgha u tletin elf sebgha mija u tnejn u sittin ewro u erbghin centezmu (€139,762.40).**

**3. Tikkundanna lil Edmond Camilleri sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' mija u disgha u tletin elf sebgha mija u tnejn u sittin ewro u erbghin centezmu (€139,762.40).**

**Spejjez tal-ewwel talba a karigu tal-attrici ghaliex saret bla bzonn. Il-kumplament tal-ispejjez huma a karigu tal-konvenut Camilleri**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------